



Il-valur tax-xogħol tagħna huwa l-istess?

Ċifri ewlenin dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fuq il-post tax-xogħol fir-rigward tad-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel

	Nisa	Irġiel
Ir-rata tax-xogħol (%)	58.3	72.5
Sehem tal-ħaddiema fuq bażi part-time (%)	31.2	7.7
Ħin medju ta' xogħol domestiku u familjari fil-ġimgħa – f'sigħat**	25.5	7.8
Ħin medju ta' xogħol bi h'las fil-ġimgħa (inkluż il-ħin għall-ivvjaġġar) – f'sigħat**	38.1	45.5
Livell ta' edukazzjoni mil-huq (għall-inqas fl-iskola sekondarja għolja) fl-età ta' bejn 20 u 24 sena (f'%)	80.8	75.5
Id-distribuzzjoni tal-gradwati universitarji skont is-sessi (f'%) *	59	41
Is-sehem ta' persuni impjegati fis-setturi "Il-manifattura, il-kostruzzjoni, it-trasport u l-komunikazzjoni"	17.4	44.3
Is-sehem ta' persuni impjegati fis-setturi "L-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-ħidma soċjali u attivitajiet oħrajn ta' servizzi għall-komunità"	40.5	18.1
Ir-rata ta' persuni, li għandhom 65 sena u aktar, illi jinsabu fir-riskju tal-faqar (f'%)*	21	16

Sors: Eurostat, 2007 għajr għal *, 2006.

** L-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS)

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas ebda persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni ma tista' tinżamm responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni inkluża f'dan il-fuljett. Stamp: © Kummissjoni Ewropea/Thierry Maroit

X'għamlet l-UE?

Paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali huwa wieħed mill-prinċipji bażiċi tal-Unjoni Ewropea. Miġbur fit-Trattat ta' Ruma fl-1957, dan kien is-suġġett ta' direttiva tal-1975 li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni kollha fl-aspetti kollha tal-pagi bejn in-nisa u l-irġiel **għall-istess xogħol jew għal xogħol ta' valur ugwali**.

L-UE qiegħda tkompli taħdem sabiex tnaqqas id-differenzi mhux iġġustifikati fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel. Dan huwa wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-**Pjan direzzjonali tagħha għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010**.

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2007 bl-isem ta' "**L-indirizzar tad-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel**", il-Kummissjoni Ewropea analizzat il-kawżi tad-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel u identifikat modi kif tista' tindirizza din il-kwistjoni.

Il-Kummissjoni qiegħda **tanalizza kemm hija effettiva l-liġi tal-Komunità** fuq il-paga ugwali u tista', jekk ikun hemm bżonn, tippreżenta leġiżlazzjoni ġdida dwar din il-kwistjoni.

L-indirizzar tad-diskrepanza fil-pagi jeħtieġ azzjonijiet minn ħafna atturi differenti. Fuq quddiemnett tal-azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, il-**Parlament Ewropew** dan l-aħħar approva rapport li jagħmel enfażi fuq l-importanza ta' din il-kwistjoni.

Sadanittant, bil-**Patt Ewropew tal-2006 għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**, il-mexxejja tal-UE għamlu l-ġlieda kontra d-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel bħala prijorità.

L-indirizzar tad-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel huwa wkoll azzjoni ewlenija fil-**"Qafas ta' azzjonijiet fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi"** li ġie adottat mill-**imsieħba soċjali Ewropej** fl-2005.

Din il-kampanja hija parti mill-isforzi tal-Kummissjoni biex tqajjem kuxjenza dwar id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel u fuq kif tista' tiġi indirizzata din il-kwistjoni.



Għal aktar informazzjoni dwar id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel: <http://ec.europa.eu/equalpay>

KE-31-09-257-MTFD



Naqqas id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel Dan jagħmel sens għal kulħadd





Tifel jew tifla, opportunitàet indaqs?

Il-karriera tiegħi sejra tmur minn taħt jekk ikollo t-tfal?

L-istess xogħol, l-istess pensjoni?

X'inhom d-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel?

Bħala medja, fl-UE, in-nisa jaqilgħu 17%* inqas mill-irġiel. Id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel tkejjel id-diskrepanza fil-qligħ medju fis-siegħa bejn l-irġiel u n-nisa fl-impjeg bi ħlas madwar l-ekonomija b'mod ġenerali.

Għaliex in-nisa għadhom qegħdin jitħallsu inqas mill-irġiel bħala medja?

Id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel hija kwistjoni kumplessa b'diversi kawżi, li ħafa drabi jkunu inter-relatati:

- **Diskriminazzjoni diretta:** xi kultant in-nisa għadhom qegħdin jaqilgħu inqas paga mill-irġiel talli jagħmlu l-istess xogħol. Iżda minħabba li fis-snin riċenti sar ħafa progress, u anki minħabba li issa għandna leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea effettiva, dan il-fattur jispjega biss parti limitata tad-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel.
- **Il-kompetenzi u l-abbiltajiet tan-nisa qegħdin jiġu sottovalutati:** aktar spiss in-nisa jaqilgħu inqas paga mill-irġiel għal impjegji ta' valur ugwali. Fil-fatt, filwaqt li n-nisa jirrappreżentaw 59% tal-gradwati universitarji ġodda kollha, ix-xogħol tan-nisa għadu xorta waħda spiss jitqies bħala ta' inqas valur mix-xogħol li jagħmlu l-irġiel, bl-affarijiet l-oħrajn kollha jkunu indaqs. L-iskali tal-ħlas għal impjegji li jirrikjedu abiltajiet, kwalifiki jew esperjenza simili għandhom it-tendenza li jkunu aktar baxxi meta dawn l-impjegji jkunu qegħdin jitwettqu

b'mod predominanti min-nisa. Biex nieħdu eżempju, f'supermarkit, il-kaxxiera nisa ħafa drabi jaqilgħu inqas paga mill-irġiel li jaħdmu fl-imħażen tal-istabbiliment.

- **Is-segregazzjoni tas-suq tax-xogħol:** it-tendenza għadha li n-nisa u l-irġiel jaħdmu f'impjegji differenti. In-nisa spiss jaħdmu f'setturi fejn il-pagi huma, bħala medja, aktar baxxi minn dawk iddominati mill-irġiel. Aktar minn 40% tan-nisa jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-amministrazzjoni pubblika – id-doppju tal-irġiel (ara t-tabella). Huma biss 29% tax-xjenzjati u l-inġiniera fl-UE li huma nisa. Barra minn hekk, in-nisa huma fil-biċċa l-kbira tagħhom impjegati bħala assistenti amministrattivi, ħaddiema li jaqdu lill-klijenti fil-ħwienet jew ħaddiema bi ftit jew mingħajr ħilet b'rati ta' ħlas aktar baxxi.
- **Tradizzjonijiet u sterjotipi:** filwaqt li dan jista' jirrifletti l-preferenzi personali, it-tradizzjonijiet u l-isterjotipi jistgħu jinfluwenzaw ukoll, pereżempju, l-għażla tal-mogħdijiet edukattivi u l-mudelli tax-xogħol.
- **Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata:** id-diskrepanza fil-pagi tirrifletti wkoll ostakoli strutturali għall-ħajja tax-xogħol ta' dak li jkun, illi jkomplu jaffettwaw b'mod predominanti lin-nisa. In-nisa jkollhom waqfiet aktar frekwenti fil-karriera tagħhom, xi ħaġa li tħalli impatt negattiv fuq l-iżvilupp professjonali tagħhom. Din tfisser ukoll li n-nisa jkollhom jikkumentaw b'karrieri li jħallu inqas qligħ finanzjarju.

Id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel tnaqqas il-qligħ iggwadanjat tul il-ħajja kif ukoll il-pensjonijiet tan-nisa u dan jikkawża faqar għan-nisa iktar tard f'ħajjithom.

Għaliex jimporta?

It-tnaqqis tad-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel jagħmel sens f'termini ta' negozju tajjeb u joħloq soċjetà aktar ugwali.

Il-kumpaniji li jrawmu l-ugwaljanza fil-postijiet tax-xogħol tagħhom se jrin joħolqu **l-aqwa postijiet tax-xogħol** fejn ikun jista' jaħdem kulħadd. Li n-nisa u l-irġiel jitħallsu għall-hillet attwali tagħhom u li l-kontribut tagħhom jiġi vvalutat fuq bażi uguali jista' jirriżulta fir-reklutaġġ u ż-żamma tal-aqwa u **l-aktar personal b'talent**. Dawk li jħaddmu jiggwadanjav mill-użu tal-hillet u t-talent tal-ħaddiema nisa b'mod aktar effettiv billi jiżguraw li n-nisa jibbenifikaw minn inizjattivi ta' taħriġ u ta' żvilupp fil-karrieri tagħhom.

Dan huwa importanti biex jiżiedu l-produttività u l-kompetittività. Numru dejjem akbar ta' studji sabu korrelazzjoni bejn profitabilità u ugwaljanza akbar bejn is-sessi, speċjalment f'karigi amministrattivi għoljin. Riċerka oħra tindika rabtiet bejn il-bilanċ bejn is-sessi f'timijiet tal-maniġment u l-kapaċità tal-innovazzjoni.

It-tnaqqis tad-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel jista' jgħin biex tinholq **soċjetà aktar ugwali u koeżiva**. Jgħin biex jagħti aktar setgħa lin-nisa u **jiżid l-indipendenza finanzjarja tagħhom**. Jista' wkoll iżid id-dħul tan-nisa matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom u jnaqqas il-livelli tal-faqar, b'mod partikolari meta n-nisa jiġu biex jirtiraw.

* Din iċ-ċifra hija bbażata fuq sors armonizzat ġdid tal-UE (SES). Iż-żieda apparenti, minn 15% fl-2006 għal 17% illum il-ġurnata, hija dovuta biss għal bidla fil-metodoloġija.